# REGOLAMENTI ĠIEĦ IL-QRENDI 2025

1. Jingħata lil persuna waħda, darba waħda biss.

2. Il-persuna għandha tkun għexet fil-lokalità tal-Qrendi għal mhux inqas minn għoxrin (20) sena.

3. Persuni li jkunu ħallewna jistgħu ukoll jirbħu Ġieħ il-Qrendi, sa ħamsa u għoxrin (25) sena wara mewthom.

4. Ebda Kunsillier li jkun qed jaqdi dmiru bħala tali m'għandu jiġi nominat u/jew jissekonda lil xi kandidat.

5. Il-persuni kollha li jiġu nominati u li jilħqu l-kriterji neċessarji iżda ma jingħatawx Ġieħ il-Qrendi, għandhom jiġu mogħtija tifkira ta' rikonoxximent.

6. Il-politiċi ma jikkwalifikawx għall-għoti tal-unuri f'każ li jkunu għadhom jokkupaw il-karigi ta' Deputati Parlamentari jew Membri Parlamentari Ewropej.

7. Dan il-Ġieħ jingħata lil dik il-persuna jew persuni li jkunu qdew dmirijiethom b'onestà, effiċjenza u diliġenza f'waħda jew aktar minn dawn l-oqsma:

   7.1 Il-persuna trid tkun tat kontribut siewi u distintiv lill-Qrendi u/jew lin-Nazzjon u/ jew għamlet Ġieħ lill-Qrendi fil-ħidma kontinwa fis-sempliċità fost problemi tal-ħajja, ħidma ddedikata u diżinteressata b'risq il-ġid komuni tal-Qrendi, fir-reliġjon, ħidma b'risq l-anzjani, ħidma b'risq iż-żgħażagħ, il-kultura, l-isport, il-ħidma soċjali, l-edukazzjoni, l-ambjent, ix-xjenza, it-teknoloġija, f'xi għaqda filantropika u l-volontarjat, anke fuq livell internazzjonali.

8. Fejn jiġu sottomessi d-dati u/jew avvenimenti, dawn iridu jkunu preċiżi.

9. In-nominazzjoni għandha ssir fuq il-formula mehmuża u kull nomina trid tkun akkumpanjata bi profil fil-qosor ta' mhux aktar minn erba' mitt (400) kelma bir-raġunijiet għaliex il-persuna qed tiġi nominata u għalfejn min qed jissekonda jaħseb li din il-persuna għandha l-kwalitajiet meħtieġa sabiex tirbaħ dan il-Ġieħ.

10. Ma' kull nomina jrid jiġi anness ritratt ta' wiċċ il-persuna li tkun qed tiġi nominata.

11. Min ikun propost ikun meħtieġ li jiġi nnominat u ssekondat minn ħames persuni residenti fil-Qrendi li isimhom ikun jidher fl-aħħar pubblikazzjoni tar-Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali.

12. Kulmin jipproponi jew jissekonda m'għandux ikun membru tal-familja tal-persuna nominata.

13. Għandu jitlaħħaq Bord ta' Aġġudikazzjoni li jkun iffurmat minn tal-inqas seba' (7) persuni magħżula mill-Kunsill Lokali, li dawn għandhom jiġu approvati waqt Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

14. Il-Bord ta' Aġġudikazzjoni għandu jitlaħħaq qabel jagħlqu n-nomini għall-Ġieħ il-Qrendi u dan sabiex ikunu huma li jiftħu dawn l-applikazzjonijiet, skont kif ikunu ġew irċevuti fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

15. Il-Bord ta' Aġġudikazzjoni jkun liberu li jitlob għal aktar evidenza f'każ li ma jkunx sodisfatt bil-kummenti sottomessi.

16. Il-Bord ta' Aġġudikazzjoni għandu d-dover li jimxi skont ir-regolamenti maħruġa mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi fis-sebgħa u erbgħin (47) Laqgħa tas-seba' (7) Leġiżlatura, li saret nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2016, fejn ġie deċiż li:

    i. Il-marki se jinqasmu f'70% għall-volontarjat u 30% għal dak li l-persuna tkun għamlet matul ħajjitha;
    ii. Is-70% mogħtija għall-volontarjat se jinqasmu skont il-persuna kemm tkun ħadmet fil-qasam volontarju lokali, nazzjonali u internazzjonali, fejn se jittieħed ukoll inkunsiderazzjoni ta' jekk permezz tal-volontarjat tagħha, ibbenefikatx xi għaqda partikolari jew il-komunita' kollha Qrendija;

iii. It-30% l-oħra se jkunu qegħdin jingħataw għal dak li l-persuna tkun kisbet fil-karriera tagħha, kemm fuq bażi personali, lokali u internazzjonali;

iv. Deskrizzjoni eżatta ta' kif ġew imqassma l-marki tista' tinkiseb minn fuq is-sit uffiċjali tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, fil-Minuti tal-erbgħa u sebgħin (47) Laqgħa tas-seba' (7) Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali, li saret nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2016.

17. Ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Aġġudikazzjoni għandha tgħaddi lill-Kunsill Lokali sabiex l-istess Kunsill Lokali, permezz ta' riżoluzzjoni mgħoddija b'mod unanimu, japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord waqt Laqgħa tal-Kunsill Lokali.

18. Id-deċiżjoni tal-Kunsill tkun finali u inappellabbli.

19. Dawn il-linji gwida jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, f'7, Triq il-Knisja, Il-Qrendi mit-Tnejn sas-Sibt bejn it-8am u 11pm jew jitniżżlu mill-websajt tal-Kunsill Lokali jew inkella mill-paġna ta' *Facebook*.

20. L-applikazzjonijiet iddettaljati għandhom jaslu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi sa nhar is-Sibt 10 ta' Jannar, 2026 fil-11:00am.